*Irkejjen storiċi*

# Il-kollezzjoni pre-istorika fil-Mużew Nazzjonali ta' l-Arkeoloġija

Mill-fuħħar li nstab nafu li l-ewwel nies f'Malta kienu ġew minn Sqallija. Kienu żgur nies intelliġenti u kuraġġjużi għax kulmin ġie kien jaf li ried imur Sqallija sikwit. Terġa' min ġie, għamel hekk bil-familja tiegħu u dak iż-żmien, għajr xi ċattra ma kienx hawn. U l-baħar dejjem offra periklu.



*Statwi tal-ġebel misjubin f'diversi postijiet f'Malta*

***minn VINCENT ZAMMIT***

L-istorja tal-gżejjer Maltin tmur lura mhux għal mijiet ta' snin, iżda għal eluf. Iżda dawn m'għandhomx x'jaqsmu mal-bniedem f'Malta.

Biss meta mbagħad nibdew naraw l-ewwel fdalijiet li jfakkruna li l-bniedem kien fostna madwar sebat elef sena ilu, allura hemmhekk nibdew naraw ukoll uħud mill-oġġetti li dawn l-ewwel nies kienu jafu jagħmlu. L-istorja tal-bniedem ma tibdiex hawnhekk, iżda trid tmur lura lejn Sqallija, għax hu maħsub li minn hemm kienu ġew l-ewwel nies lejn Malta.

Għalkemm jinsabu diversi postijiet madwar il-gżejjer tagħna fejn hemm fdalijiet ta' dan iż-żmien, uħud mill-istess oġġetti misjuba kienu ttieħdu l-Mużew Nazzjonali ta' l-Arkeoloġija. Illum dawn l-oġġetti tqiegħdu għall-wiri għal darb'oħra, minħabba li kienu ilhom magħluqin għall-pubbliku. Biss, id-dewmien ma kienx għal-xejn.

Interessanti l-fatt li fi żmien il-kavallieri kien hemm diversi persuni li kienu jżommu l-affarijiet li kienu jsibu u jżommuhom f'xi kamra fl-istess dar tagħhom. Fost dawn kien hemm l-istorjografu Malti, Ġann Franġisk Abela.

Iżda għal dawk iż-żminijiet il-kollezzjoni ma kinitx tfisser li wieħed joqgħod jifred l-oġġetti ta' perijodu minn ta' ieħor. Kollox kien imħallat flimkien. Barra minhekk ftit kienu dawk l-oġġetti li kienu jappartjenu l-perijodu pre-istoriku.

Il-post fejn tinsab il-kollezzjoni prinċipali arkeoloġika Maltija hu fil-palazz magħruf bħala l-Berġa ta' Provenza. Illum ma nitkellmux dwar dan il-palazz, iżda nħalluh għal darb'oħra. Il-kollezzjoni hi mqassma f'diversi sezzjonijiet, u naturalment dawn kollha qegħdin jippruvaw juru l-aħjar oġġetti mill-perijodi li jkunu qegħdin jittrataw fil-vetrini.

## L-ewwel nies

L-ewwel nies li waslu Malta nirreferu għalihom bħala dawk tal-Fażi Għar Dalam. Nafu li kienu ġew minn Sqallija, u minn hemm kienu ġabu magħhom fuħħar li kien diġà jinħadem hemmhekk. L-istil ta' dak il-fuħħar hu magħruf bħala Stentinello.

Minħabba f'hekk nafu li dawn l-ewwel nies ġew minn Sqallija. Barra minhekk nafu wkoll li kienu nies intelliġenti u kuraġġużi. Il-fatt li ddeċidew jaqsmu l-baħar minn Sqallija lejn Malta, u jagħmlu dan il-vjaġġ għal min jaf kemm-il darba, hi xi ħaġa ta' meravilja.



*Statwa ta' mara magħrufa bħala l-Mara r-Rieqda. Misjuba fl-Ipoġew ta' Ħal Saflieni*

Wieħed irid jiftakar li f'dawk iż-żminijiet ma kienx hemm bastimenti bħal ma nifhmuhom aħna. Probabbilment ħlief tip ta' ċattra ma kellhomx. U fuqhom, mhux biss ġew huma u l-familji tagħhom, iżda anki ħasbu biex iġibu 'l-annimali. Dawn l-annimali kienu diġà domestikati.

L-ewwel postijiet ta' abitazzjoni kienu l-għerien. Iżda tajjeb li niftakru li anki kienu bnew kmamar, fejn għamlu bħal villaġġ. L-ewwel villaġġ li għandna f'Malta jmur lura għal dan il-perijodu, li jfisser għal madwar 5200 Qabel Kristu. Dan il-villaġġ hu magħruf bħala dak ta' Skorba, li jinsab fil-limiti taż-Żebbieħ (Ara artiklu tiegħi fl-istess sensiela f'*il-mument, Skorba* 1 Ottubru, 1995). Oġġetti minn dawn il-postijiet li semmejna huma esebiti fil-Mużew ta' l-Arkeoloġija.

## Fuħħar

Fost l-aktar oġġetti komuni li wieħed isib f'post arkeoloġiku hu l-fuħħar. Minn dan il-fuħħar l-istudjużi jsiru jafu ħafna dettalji. Mhux biss jekk dawk in-nies tal-qedem kinux jafu jaħdmu l-fuħħar iżda wkoll kemm kienu jafu jagħmlu stili u dettalji differenti.

Minħabba li l-loġika tgħidilna li dawn in-nies ma kinux jagħmlu vjaġġi twal, allura dejjem ippruvaw li jsibu l-konnessjoni ma' l-istess Sqallija u l-Italja t'isfel. Fil-fatt dejjem instabu stili ta' fuħħar li jixbhu lil tagħna. B'hekk inkomplu nikkonfermaw kemm matul l-istorja, il-gżejjer Maltin kienu marbutin ma' dawk viċin tagħna.

Iżda mhux fuħħar biss kien instab. Ġieli nstab ukoll ġebel dekorat, li żgur jurina kemm kienu kapaċi dawn in-nies biex jaħdmu fil-ġebla Maltija. Għax minn dan id-dettal inkomplu nikkonfermaw il-ħila ta' l-ewwel Maltin minħabba l-bini tat-tempji pre-istoriċi.

Għalkemm kien hawn diversi kuntatti ma' barra minn Malta, speċjalment biex jinġiebu oġġetti li ma jinstabux hawnhekk, xorta waħda jidher li ħadd ma kien influwenzat mill-istil tal-bini tat-tempji tagħna.

Fil-kollezzjoni tal-Mużew tagħna hemm numru ta' mudelli moderni li juru t-tempji prinċipali li nsibu f'Malta. Minn dawn il-mudelli wieħed jieħu idea verament tajba ta' kemm kienu tajbin dawn l-ewwel Maltin. Mhux ta' b'xejn li arkeoloġisti barranin irreferu għal dawn il-Maltin bħala l-ewwel periti tad-dinja. Għax biex tibni tempji bħal dawn, wieħed irid mhux biss is-saħħa f'dirgħajh, iżda anki l-ħsieb ta' qabel, u l-organizzazzjoni. Ħarsu waħda lejn il-ġebel il-kbir li hemm f'dan il-mużew, ġebel li nġieb mit-tempji ta' Ħal Tarxien. Mhux biss huma ġebel kbar, iżda huma wkoll dekorati ferm tajjeb, u b'maestrija li wieħed lanqas biss jemmen li dawk id-disinji għandhom madwar 5000 sena.

## Statwi

Fost l-aktar oġġetti interessanti li nsibu f'dan il-mużew bla dubju ta' xejn huma d-diversi statwi ta' daqsijiet differenti li nstabu f'diversi postijiet madwar Malta. L-akbar waħda hi dik magħrufa bħala l-Mara l-Ħoxna li kienet instabet fit-tielet tempju ta' Ħal Tarxien.

Din l-istatwa mhux biss hi kbira sew, iżda turi wkoll li kienet tpoġġiet hemm biex tingħata kull qima minn dawk li jmorru quddiemha. Hi verament ħasra li l-istatwa m'hix sħiħa. Iżda xorta waħda ma tantx nistgħu ngergru għal dak li għandna.

Jekk din l-istatwa kbira tiġbed l-attenzjoni, xejn anqas ma jagħmlu l-istatwi ż-żgħar. Hawnhekk naraw il-famużi statwi magħrufa bħala l-Mara r-Rieqda, u l-Venere ta' Malta. Dawn huma statwi żgħar, u tal-fuħħar. Il-Mara r-Rieqda turi mara liebsa d-dublett bil-piegi, u mimduda fuq sodda.

Is-sodda għandha ħafna dettalji interessanti, li żgur juri kemm in-nies kienu joqogħdu attenti għad-dettal. Imbagħad hemm ukoll il-fatt li din għandha bħal imħadda taħt rasha. Verament statwa żgħira iżda mimlija sinifikat.

L-istatwa l-oħra hi differenti. Turi mara bil-wieqfa, mingħajr ħwejjeġ. Tidher imkissra, għax rasha u l-parti t'isfel ta' saqajha huma neqsin.

Waħda mill-idejn tinsab isserraħ fuq żaqqha, taħt sidirha. Hemm statwi oħra li għandhom l-interess tagħhom ukoll. Iżda dan l-artiklu tal-lum m'għandux l-intenzjoni jidħol f'xi dettal dwarhom.

Mingħajr ma trid, għalkemm hawnhekk semmejna biss uħud mill-fdalijiet u tkellimna l-aktar dwar ideat ġenerali, mill-ewwel tinduna li l-pre-istorja ta' Malta hi sinjura ferm. Il-fdalijiet mhux biss huma spettakulari, iżda anki l-istess oġġetti li nstabu fihom huma daqshekk interessanti. Dan hu l-mużew minn fejn kull Malti għandu jibda biex jitgħallem japprezza aħjar l-ewwel avanzi ta' missirijietna. Dan hu mużew li għandna nitpaxxew bih.